MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 98/2013

**Galenica Limited (C 8728)**

**vs**

**HEIP School of English Co Ltd (C 48989)**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta' rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta' intimata fis-somma komplessiva ta' sebgha u sebghin elf tlett mija u tmenin euro u tmienja u disghin cent (€77,380.98) skond ma jirrizulta mill-anness prospett (Dok. "A") oltre l-imghaxijiet sal-hlas effettiv, in kwantu ghal:

   i. Is-somma ta' €10,480.98 (ghaxar t'elef, erbgha mija u tmenin euro u tmienja u disghin cent) rapprezentanti l-bilanc ta' somma akbar, import tal-kera tal-fond maghruf bhala HEIP School of English li qieghed f'Mangion Apartments, Sacred Heart Street, Mellieha ghall-perjodu ta' bejn Settembru u Dicembru 2011, liema fond jinsab mikri lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici, u dana skond ma jirrizulta ahjar mill-annessi fattura numru 000207 datata l-1 ta' Jannar 2012 (Dok. "B") u rcievuta numru 000111 datata t-18 ta' Mejju 2010 (Dok. "C");

   ii. Is-somma ta' €44,600.00 (erba' u erbghin elf u sitt mitt euro) rapprezentanti l-import tal-kera tal-fond maghruf bhala HEIP School of English li qieghed f'Mangion Apartments, Sacred Heart Street, Mellieha ghall-perjodu ta' bejn Jannar u Dicembru 2012, liema fond jinsab mikri lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici, u dana skond ma jirrizulta ahjar mill-annessa fattura numru 000208 datata l-31 ta' Dicembru 2012 (Dok. "D"); u

   iii. Is-somma ta' €22,300 (tnejn u ghoxrin elf u tlett mitt euro) rapprezentanti l-import tal-kera tal-fond maghruf bhala HEIP School of English li qieghed f'Mangion Apartments, Sacred Heart Street, Mellieha ghall-perjodu ta' bejn Jannar u Gunju 2013, liema fond jinsab mikri lis-

socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici, u dana skond ma jirrizulta ahjar mill-anness fattura numru 000206 datata t-30 ta' Gunju 2013 (Dok. "E").

2. Illi ghalkemm debitament interpellata sabiex thallsu dan l-ammont, is-socjeta' intimata baqghet ghal kollox inadempjenti;

3. Inoltre l-esponent nomine jiddikjara u jikkonferma illi jaf b'dawn il-fatti personalment;

4. Illi ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tghid l-istess socjeta' intimata ghaliex m'ghandux dan il-Bord:

1. Jikkundanna s-socjeta' intimata sabiex thallas lis-socjeta' attrici is-somma komplessiva ta' sebgha u sebghin elf tlett mija u tmenin euro u tmienja u disghin cent (€77,380.98) skond ma jirrizulta mill-anness prospett (Dok "A"), dovuta kif fuq intqal oltre l-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta' mill-inqas tmienja fil-mija (8%) fis-sena dovuta sal-hlas effettiv u bl-applikazzjoni tad-disposti tal-artikolu 26A tal-Kodici Kummercjali (Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta)

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandati kawtelatorji prezentat kontestwalment kontra s-socjeta' konvenuta li hija (hekk kif rapprezentata) ngunta minn issa stess sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Semgha il-provi;

Ra l-atti tal-kawza;

Ikkunsidra:

Illi s-socjeta’ rikorrenti qed titlob ghal-hlas tas-somma komplessiva ta’ €77,380.98 rapprezentanti arretrati ta’ kera ghal-diversi skadenzi kif indikat fir-rikors promutur. Is-socjeta’ intimata debitament notifikata naqset milli tidher kif ukoll milli tirregistra objezzjoni ghat-talbiet odjerni;

Illi wara li semghet bil-gurament lid-direttur tas-socjeta’ rikorrenti li l-ammont pretiz ghadu mhux saldat u li ma kien hemm l-ebda kambjament fil-mori, dan il-Bord m’ghandux triq ohra hlief li jakkolji t-talba;

Illi fis-seduta tas-6 ta’ Frar 2014 d-difensur tas-socjeta’ rikorrenti rrinunzja ghat-talba ta’ zgumbrament mill-fond in mertu wara li s-socjeta’ intimata rrilaxxjat il-pussess tieghu. Ezaminat ir-rikors promutur, izda, ma tirrizulta l-ebda talba ghall-izgumbrament;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord qed jilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta’ intimata thallas lis-socjeta’ rikorrenti l-ammont dedott fit-talba tar-rikors odjern.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta’ intimata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------